MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2008

Numru. 905/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**-vs-**

**Dennis Mizzi**
**Theresa Mizzi**

Kumpilazzjoni numru 905/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Dennis Mizzi ta’ 52 sena, iben Leonard u Josephine nee’ Barbara, imwieled Kirkop nhar il 15 ta Dicembru, 1955 u residenti nr. 7, ‘St. Mary’, Sqaq Indri Dimech, Hal Ghaxaq, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 16456M;

u

Theresa Mizzi ta’ 42 sena, bint Alfred Barbara u Giovanna nee’ Dalli, imwielda Gudja nhar id- 09 ta’ April, 1966 u residenti nru. 7 ‘St. Mary’, Sqaq Indri Dimech, Hal Ghaxaq, detentrici tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 194966M.

Akkuzati talli fil- 25 ta’ Awissu, 2008 u fil- jiem ta’ qabel din id- data, malli saru jafu li xi hwejjeg li kienu fil- pusess taghhom kienu hwejjeg misruqa jew hwejjeg mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, naqsu li jgharrfu lill- Pulizija b’ dak il- fatt fi zmien gimgha minn meta hekk saru jafu u cioe` kienu fil- pussess ta’ basket b’ diversi oggetti fih ta’ valur ta’ aktar minn 232.94 euro propjeta` ta’ Roderick Parascandolo mill- Fgura u/jew persuni ohra.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 10 ta’ Novembru 2008 l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-ammissjoni taghhom.

Rat l-artikolu 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputati mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali ta’l-imputati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena mill-llum u li jhallsu

lil Roderick Parascandolo s-somma ta’ Euro 116 (€116) fi zmien xahar.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputati r-responsabbilta taghhom u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sena mill-llum jew jekk ma jhallsux l-ammont ta’ €116 fi zmien xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------